MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

**It-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023**

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 50.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

50.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

50.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 50.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

50.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jaħdem mal-ERA sabiex jinxtara generator ġdid fid-Dwejra. Is-Sindku kompla jgħid li ser jingħataw guidelines mill-ERA sabiex jinxtraw dustbins għall-baħar. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.2.2 Is-Sindku qal li l-proġett propost tas-Sur Giordanella ġie approvat.

50.2.3 Is-Sindku qal li tellgħa l-Karnival għall-din is-sena u kien ta suċċess. Kien hemm premijet għall-diversi kategoriji inkluż dawk tal-klieb. Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lill-Clyde Cauchi, Loretta Cauchi u lil Viċi Sindku talli ħadu ħsieb l-attivita'.

50.2.4 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Enemalta fejn hu talab li jdaħħluna fil-garanzija bħala Kunsill sabiex tkopri ix-xogħolijiet tagħhom peress li l-garanzija massima li jista' jzomm il-Kunsill hi ta mhux iktar minn €232.94. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.2.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-restawr tal-monument lest u talab lil Enemalta biex id-dawl għalih jittieħed mid-dawl tat-triq stess b'hekk ma jkunx hemm spiza addizzjonali. Is-Sindku qal li ser jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Ministeru għall-Għawdex.

50.2.6 Is-SE semmiet l-iskemi, Reġjonali tal-Kultura u Libreriji, li l-ispejjez relatati magħhom u xogholijiet pendenti ġew magħluqa u rċivejna l-fondi. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.2.7 Is-Sindku informa li l-Ministeru qed jinsistu li l-mogħdija magħrufa bħala Mogħdija ta' Wied Pisklu trid tisemma bħala Triq Għajn Abdul. Is-Sindku propona li fejn it-tabella eżiżtenti, l-Kunsill jagħmel tabella oħra – magħrufa uffiċjalment bħala Triq Għajn Abdul. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.2.8 Is-Sindku qal li rigward Triq il-Ġebla tal-Ġeneral kien hemm ftit konfużjoni għaliex il-kuntrattur u Transport Malta avżaw biss ġurnata qabel ma kienu se jerġgħu ikomplu x-xogħolijiet fl-istess triq. Is-Sindku qal li kien hemm xi ħsarat li kellhom jiġu irranġati immedjatament mill-kuntrattur. Hu kompla jgħid li peress li kienu spejjeż apparti mill-ispejjeż oriġinali, l-kuntattur bagħat email jinforma lill-Ministeru għall-Għawdex u lill-Perit tal-Kunsill.

50.2.9 Is-SE qalet li se tipprezenta r-rapport tal-adjudication board ta' *SLLC/04/2022 – Tender for the Provision of Architecural Services in Relation to Projects under taken by San Lawrenz Local Council.*

Is-SE qalet li kien hemm ħames offerti għall din is-sejħa pero fir-rapport, il-bord irrimarka li offerta waħda biss mingħand Mr Lauran Dimech li kienet *'cheapest and technically compliant'*.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-bord.

50.2.10 Is-SE qalet li irċivejna email rigward proġett Network – BELC. Is-Sindku qal li dan il-proġett il-Kunsill ma joħroġ l-ebda flus. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nissieħbu.

50.2.11 Is-SE qalet li irċivejna email rigward proġett Concept Soul Erasmus biex nissieħbu fih flimkien mal-Università ta' Malta. Is-Sindku qal li dawn il-fondi se jintafqu lejn il-bdiewa lokali fejn jingħataw informazzjoni sabiex inħarsu l-ħamrija u prodotti agrikoli. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.2.12 Is-SE qalet li irċivejna email rigward rikjesta sabiex il-Kunsill jagħti sponsorship lejn kunċert propost. Il-Kunsill qabel unanimament nibgħata risposta li bħalissa l-Kunsill mhux f'pożżizzjoni finanzjara li jagħti sponsor.

50.2.13 Is-SE qalet li irċivejna mingħand il-Ministeru għall-Għawdex sabiex niffirmaw 'Letter of Intent' sabiex inkunu parteċipi, mingħajr spejjeż, fil-proġett ta' restawr ta' Triq Wied Ġonu. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 50.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

50.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa talab li napplikaw għat-tabelli għad-Dwejra inkluż tabelli tal-klieb, slippery u s-Sindku semma wkoll li s-sena l-oħra kien talab biex isir railing faċċata tal-għar tad-Dwejra. Il-Kunsill qabel unanimament.

50.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi semma kif mhux dejjem ikun hemm it-toilets id-Dwejra. Is-SE infurmatu li meta jkun hemm ir-riħ, il-kuntrattur ineħħihom. Isemma li l-Kunsill ilu żmien twil jitlob lil Ministeru għal Għawdex sabiex din il-problema tiġi solvuta malajr kemm jista' jkun.

50.3.3 Il-kunsillier George Camilleri saqsa jekk kien hemm żvilupp rigward il-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li għadna nistennew committment letter mingħand il-Ministeru għall-Għawdex.

50.3.4 Il-kunsillier Carmela Grima semmiet li hemm diversi bozzoz mhux jaħdmu sew. Is-Sindku infurmha li s-SE bagħtet lista sħiħa biex titkompla immedjatament u wara bagħat hu stess u sa fl-għaxija ġie San Lawrenz u sewwa ħafna minnhom.

## 50.4 Unaudited Financial Statements 2022;

50.4.1 Is-SE ippreżentat l-unaudited financial statements li kienu maħdumin flimkien mal-accountant tal-Kunsill għall-2022. Is-SE kompliet tippreżenta l-finanzji ta'kull kwart għas-sena 2022 kif ukoll l-baġit tas-sena 2023 u dawn ġew approvati unanimament.

## 50.5 Dwejra Spring Festival;

50.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li mid-Dipartiment tal-Kultura, l-Kunsill irċieva €4,500 sabiex jerġa jitella Dwejra Spring Festival. Sar qbil sabiex jibdew il-preparamenti bħas-sena l-oħra u inkluz show tal-falkonerija, entertainment għall-tfal u kbar eċċ. Hawnhekk il-Kunsillier Joseph Cauchi rringrazzja uffiċjalment lis-Sindku għall-ħidma tiegħu ma taqta' xejn sabiex japplika għall-applikazzjonijiet diversi sabiex ikollna fondi biex nagħmlu attivitajiet u proġetti. Kien hemm qbil dwar dan.

## 50.6 Fondi ta' Aġġustament 2023;

50.6.1 Is-SE ressqet l-abbozz għall-applikazzjoni ta' fondi ta' aġġustament għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

50.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

50.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 50.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

50.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:45 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv